MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Avviz Numru. 460/2010

**Alfred Spiteri**
**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar l-1 ta'Novembru 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-

*"Illi fit-2 ta' Ottubru 2010 huwa gie notifikat bl-ittra ufficcjali 3831/10 tal-20 ta' Settembru 2010 fejn fiha l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta interpellatu biex ihallas l-ammont ta' sitt mija w tmienja w sittin Ewro (€668), penali sal-31 ta' Awwisu 2010 u hames mija w wiehed u disghin Ewro u tlettax-il centezmu (€591.13) ta' licenzji tal-vettura. Illi huwa kien qieghed jigi interpellat sabiex ihallas licenzji tal-vettura JAM-257 Ford Escort u dana ill-1 ta' Novembru 2002 sal-lum.*

*Illi huwa permezz tal-prezenti rikors qieghed jikkontesta din it-talba amministrattiva u dana ghal zewg ragunijiet:-*

*1. Il-vettura JAM 257 kienet insterqet fis-sena 2001 qabel ma kienet se tiggeded il-licenjza fl-1 ta' Novembru 2002 u r-rapport relattiv kien inghata l-Ghassa tal-Qawra. L-esponenti mar sabiex jipprova jgib kopja ta' dan ir-rapport pero' qalulu illi jridu jfittxuh. – Min dak iz-zmien 'l hawn qatt ma irnexxielu jintracca l-istess karozza.*
*2. Fit-tieni lok, dawn l-ammonti u l-licenzja, anke kieku l-vettura kienet ghandu, li fil-fatt ma kinitx, kull talba ghall-hlas arretrat kien preskritt bid-dekors ta' sentejn.*

*Ili huwa qieghed jindika bhala xhieda barra lilu nnifsu, l-Ispettur tal-Pulizija jew rapprezentant tieghu tal-Ghassa tal-Qawra u l-Kummissarju tal-Pulizija dwar is-serqa tal-vettura."*

Ghaldaqstant talab lil "din il-Qorti taccetta l-oggezzjoni tieghu ghall-istess ittra ufficcjali fuq indikata numru 3831/2010 u tehilsu minn kull responsabilita' dwar l-istess vettura".

Jinghad li r-rikorrent mill-korp tal-premessi ried jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-ittra ufficcjali fuq imsemmija "ma tigix reza esekuttiva".

Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Novembru 2010 fejn kienet ordnat in-notifika tar-rikors tar-rikorrenti lill-kontro-parti w appuntat dan l-istess rikors ghas-smiegh ghal nhar is-7 ta' Dicembru 2010.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ntimata kif prezentata fl-atti nhar it-12 ta' Novembru 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. "*Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*
*2. Fit-tieni lok, ma hemm l-ebda prova fir-rikors promotur li jaghti xi sembjanza ta' verita ghal dak li qieghed jigi allegat u cioe' li l-vettura kienet insterqet. F'kull kaz ir-rikorrenti naqas milli jinforma lill-Awtorita' intimata b'dan il-fatt. M'hemm xejn fil-file relattiv li jghid li dak li qieghed jallega ir-rikorrent ghandu mis-sewwa. Allura anke jekk dan il-fatt (tas-serq) jirrizulta pruvat, xorta wahda ir-*

*rikorrenti naqas milli josserva l-ligi, u ma nformax lill-Awtorita' intimata li l-vettura ma kinitx ghadha fil-pusess tieghu. Kieku ghamel hekk, l-Awtorita' intimata ma kinitx tispicca tohroglu l-ittra ufficcjali li biha inbdew dawn il-proceduri.*

*3. Di piu, b'referenza ghall-aggravju dedott mir-rikorrenti li t-talba hija perenta, l-istess Awtorita' tistqarr li hija perpelessa. Perplessa ghax il-ligi tistipula terminu ta'* *<u>tmien (8) snin u mhux ta' sentejn (2)</u>* *biex l-azzjoni odjerna tigi dikjarata perenta. (Ara ad examplum l-artikolu 57 (1) tal-kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta). Zgur li dan mhuwiex il-kaz.*

*4. Illi ghalhekk, galadarba ma hemm xejn minn dan kollu, u galadarba l-awtorita' intimata ma inghatatx l-avviz rikjest mil-ligi, r-rikorrenti huwa obbligat li jhallas dak dovut minnu skond il-ligi. "*

Ghaldaqstant l-Awtorita' ntimata talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet rikorrenti kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2011 xehed ir-rikorrenti **Alfred Spiteri** w spjega li jiftakar li huwa kien qiegehd gewwa l-istabiliment maghruf bhala Fuego gewwa Bugibba u kien halla l-vettura tieghu tal-ghamla Ford Escort numru ta' registrazzjoni JAM 257 barra, ipparkjata fit-triq. Ikkonferma li wara li kien mar lura ghaliha aktar tard dak il-lejl sab li ma kinitx hemm u li xi hadd kien seraqhielu u ghalhekk mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-pulizija tal-Qawra.

Jghid li in segwitu' kien ircieva ittra minghand l-awtorita' intimata fejn gie avzat li kellu l-licenjzi tal-vettura b'lura u li ma kienx hallashom. Jghid li huwa mar ghand l-Avukat b'din l-ittra u dan qallu sabiex imur ghand il-Pulizija fejn kien ghamel ir-rapport, u hekk kien ghamel, sabiex jiddefendi ruhu ahjar. Jghid li huwa *insurance* kellu biss dik tat-triq u l-*insurance* kienet saret ghand *sub-agent* bl-isem Hogg. Ikkonferma li r-rapport kien ghamlu dakinhar stess ghall-habta tas-2.30 a.m.

Illi nhar id-9 ta' Marzu 2011 r-rikorrenti rega' xehed u kkonferma li kien rega' mar l-ghassa minn meta kien

xehed l-ahhar u l-pulizija ma sabulu l-ebda rapport li kien ghamel. Ikkonferma li apparti din il-vettura huwa kellu diversi karozzi ohra w li qatt ma halla licenzji b'lura. Ikkonferma wkoll li qatt ma rcieva xi citazzjonijiet fuq din il-vettura li kienu serqulu.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2011 xehed bin ir-rikorrenti certu **Keith Spiteri** u kkonferma li missieru, ir-rikorrent, kellu vettura tal-ghamla Ford Escort li kienet insterqitlu. Jghid li jiftakar li darba minnhom kien hareg u mar lura d-dar minghajrha w qallu li kienu serqulu l-vettura w li ma sabha mkien. Ikkonferma li minn dakinhar 'l hawn ma regax ra l-vettura in kwistjoni.

Semghet lil **Brian Farrugia** jixhed ghan-nom u fl-interess tal-Awtorita' ntimata u dan fis-seduta tat-12 ta' April 2011, fejn ikkonferma li l-vettura JAM- 257 tghajjat lir-rikorrenti Alfred Spiteri w ilha hekk registrata f'ismu sa mis-sena 2001. Jghid li r-rikorrenti ghandu arretrati ta' licenzji xi jhallas fuq din l-istess vettura, w ghalkemm interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti. Ix-xhud spejga li huwa kien qed ifittex lill-attur fuq din s-somma rapprezetanti arretrati ta' hlas ta' licenzji fuq il-vettura u mhux qed jitlob il-hlas tal-penali taz-zewg Ewro (€2) kuljum f'dan l-stadju, kif allega ir-rikorrenti. Ix-xhud spjega li nonostante li r-rikorrenti qed jghid fir-rikors tieghu li l-vettura mertu tar-rikors odjern insterqet, huwa qatt ma baghat jinforma lill Awtorita' dwar dan is-serq, ghalkemm l-obbligu li jaghti dan l-avviz jaqa' fuq ir-r*egistered owner*.
Huwa esebixxa zewg dokumenti dwar il-vetturi li r-rikorrenti kellu registrati f'ismu Dok. Z, u dawk li huma registrati f'ismu illum Dok. X, u dan wara li gie hekk mitlub li jaghmel mir-rikorrenti stess. Ikkonferma li minn ezami tad-dokumenti esebiti minnu l-licenzji tal-vetturi l-ohra huma mhallsa. Ikkonferma wkoll minn ezami tal-file relattiv li m'hemm l-ebda korrispondenza rigward din il-vettura w l-ahhar dokument huwa dak li jikkoncerna it-transfer li kien sar meta l-istess rikorrenti kien akkwista din l-istess vettura.

Ikkunsidrat:

Illi bhala fatt jirrizulta anke fuq ammissjoni indiretta tar-rikorrent stess fir-rikors promotur, li ilu ma jhallas il-licenjza tal-vettura targata JAM – 257 sa minn meta allegatament insterqitlu, w cioe' mis-sena 2001 meta l-vettura kienet giet registrata f'ismu. Jirrizulta mill-istess rikors promotur li r-rikorrenti qed jallega li l-vettura kienet giet misruqa w li allegatament huwa kien mar jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra. Ghalhekk id-data meta sar dan ir-rapport ma jafhiex u ma' min halla dan ir-rapport lanqas ma jaf. Ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda xhud mill-Ghassa sabiex jikkonferma dak li allega, cioe' li kien ghamel rapport, jew sabiex jispjega il-procedura ta' dak li jsehh meta jsir rapport simili. Strah biss fuq ix-xhieda tieghu u ta' ibnu Keith, li jghid li darba minnhom missieru hareg bil-vettura Ford Escort u meta irritorna lura d-dar dan kien qallu li kienu serqulu l-istess vettura.

Ir-rikorrent fir-rikors tieghu donnu ma fehemx dak li kienet qed titlob l-Awtorita' rikorrenti, ghaliex fil-fatt hija mhix qed titlob li r-rikorrenti jigi kkundannat ihallas il-kontravenzjonijiet li gie kkundannat ihallas, u lanqas ma gie mistoqsi sabiex ihallas il-penali ta' zewg Ewro (2) kuljum talli ma hallasx l-iskadenzi tal-licenzji, izda gie mitlub sabiex ihallas l-iskadenzi tal-licenjza *sic et simplicite*.

Sabiex issahhah it-talba taghha kif kontenuta fl-ittra ufficcjali prezentata minnha kontra r-rikorrent, liema ittra ufficcjali qed tigi kontestata, l-Awtorita' ntimata ressqet bhala xhud lil Brian Farrugia in rappresentanza tat-Transport Malta, w dan ikkonferma li fis-sena 2001 il-vettura numru ta' registrazzjoni JAM 257 kienet registrata f'isem ir-rikorrent u minn dik is-sena 'il quddiem huwa ma hallas l-ebda licenzja fuq din l-istess vettura.

Mistoqsi jekk kienx gie mgharraf b'dan l-allegat serq imsemmi mir-rikorrent fir-rikors tieghu u sussegwentement fix-xhieda teighu il-Qorti, ix-xhud iwiegeb fin-negattiv.

Issa skond l-**Artikolu 26 tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta:
*"Kull persuna imsemmija fuq il-licenzja bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra*

*ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenzja, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenzja ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura."*

Illi ghalhekk stante li r-rikorrent ghandu f'ismu l-licenzja tal-vettura, dan ifisser li huwa r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk jibqa' responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita' ma jkun ittrasferixxa l-ebda jedd tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**Artikolu 57 (1) tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-
*"Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti."*

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz huwa ir-rikorrent stante li huwa r-*registered owner*, huwa responsabbli civilment ghall-hlas ta' licenzji w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu.

Il-Qorti tirrileva li dan ir-rikors sar mir-rikorrenti w ghalhekk kien jispetta lill-istess rikorrenti jipprova li huwa ghamel dak kollu mistenni minnu sabiex jezimi ruhu minn kull responsabilita' – haga li fil-fehma tal-Qorti m'ghamilx. Ghaliex ghalkemm setghet insterqet il-vettura, xorta kellu l-obbligu li jinforma lill-Awtorita' dwar dan is-serq sabiex jirregola ruhu maghha w b'hekk il-licenzji b'lura ma kinux ikunu dovuti.

Dwar il-perijodu preskrittiv ta' sentejn imsemmi mir-rikorrenti fir-rikors tieghu, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-**artikolu 57 (2) tal-kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-
*" Il-prodediment ghal gbir ta' kull dejn civili jsir skond is-sub- artikolu (1) ikunu preskritti meta jghaddi z-zmien ta' tmien snin mid-data li fiha kellu jsir it-tigdid tal-licenzja".*

Issa f'dan il-kaz jidher li l-licenzji ghadhom dovuti sa llum u ghalhekk il-perijodu preskrittiv ghadu ghaddej.

Dwar dak li allega r-rikorrent u cioe' li s-*system of conduct* tieghu li dejjem hallas il-licenzji tal-vetturi l-ohra tindika li r-rikorrenti dejjem agixxa skond il-Ligi u ghalhekk huwa improbabbli li kien hemm nuqqas f'dan il-kaz, il-Qorti tenfasizza li l-fatt li dwar il-vetturi l-ohra r-rikorrenti kien in regola ma jfissirx li fir-rigward tal-prezenti vettura JAM-257 hemm prezunsjoni *iuris tantum* li mexa bl-istess mod, ghaliex zgur li mill-file relattiv ma jirrizultax li r-rikorrenti kien gharraf lill-Awtorita' dwar dan is-serq, u li kien ghalhekk li ma kienx ser ikompli jhallas il-licenzji.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3831/10 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent.**
**L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3831/10 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------